



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 172/24

Il-Lussemburgu, 4 ta' Ottubru 2024

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-650/22 | FIFA

Football: uħud mir-regoli tal-FIFA dwar it-trasferimenti internazzjonali tal-plejers professjonali jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni

Dawn ir-regoli jostakolaw il-moviment liberu tal-plejers u jirrestrinġu l-kompetizzjoni bejn il-klabbs

Ex plejer professjonali stabbilit fi Franza kkontesta quddiem il-qrati Belġjani ċerti regoli adottati mill-Fédération internationale de football association (FIFA), l-assoċjazzjoni inkarigata bl-organizzazzjoni u bil-kontroll tal-futbol fuq livell dinji, billi sostna li huma ostakolaw l-impjeg tiegħu ma' klabb tal-futbol Belġjan. Ir-regoli inkwistjoni jinsabu fir-
"Regolament dwar l-Istatus u t-Trasferiment ta' Plejers" (RSTP) tal-FIFA.

Dawn ir-regoli, li huma intiżi li jiġu implimentati kemm mill-FIFA kif ukoll mill-assoċjazzjonijiet nazzjonali tal-futbol li huma membri tagħha, bħall-assoċjazzjoni Belġjana (l-URBSFA), japplikaw, *inter alia*, fil-każ fejn klabb iqis li wieħed mill-plejers tiegħu ikun temm il-kuntratt ta' xogħol tiegħu mingħajr "raġuni valida" qabel it-terminu normali ta' dan il-kuntratt. F'każ bħal dan, il-plejer u kull klabb li jixtieq jimpjegah ikunu responsabbli *in solidum* għall-ħlas ta' kumpens lill-klabb preċedenti. Barra minn hekk, il-klabb il-ġdid jista', f'ċerti sitwazzjonijiet, ikun suġġett għal sanzjoni sportiva li tikkonsisti fi projbizzjoni li jiġu impjegati plejers ġodda għal perijodu partikolari. Fl-aħħar nett, l-assoċjazzjoni nazzjonali li minnha jiddependi l-klabb preċedenti tal-plejer għandha tirrifjuta li toħroġ ċertifikat internazzjonali ta' trasferiment lill-assoċjazzjoni li magħha jkun irreġistrat il-klabb il-ġdid sakemm ikun hemm tilwima bejn il-klabb preċedenti u l-plejer dwar it-terminazzjoni tal-kuntratt.

Il-cour d'appel de Mons (il-Qorti tal-Appell ta' Mons, il-Belġju) staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk dawn ir-regoli differenti kinux konformi mal-moviment liberu tal-ħaddiema u mad-dritt tal-kompetizzjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li dawn ir-regoli kollha jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni.

Minn naħa, ir-regoli inkwistjoni huma ta' natura li jostakolaw il-moviment liberu tal-plejers professjonali li jixtiequ jiżviluppaw l-attività tagħhom billi jmorru jaħdmu għal klabb ġdid, stabbilit fit-territorju ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni. Fil-fatt, dawn ir-regoli jimponu fuq dawn il-plejers u fuq il-klabbs li jkunu jixtiequ jimpjegawhom riskji legali importanti, riskji finanzjarji imprevedibbli u potenzjalment għoljin ħafna kif ukoll riskji sportivi kbar, li, meħuda flimkien, huma ta' natura li jostakolaw it-trasferiment internazzjonali tal-imsemmija plejers. Għalkemm restrizzjonijiet fuq il-moviment liberu tal-plejers professjonali jistgħu jkunu ġġustifikati mill-għan ta' interess ġenerali li tiġi żgurata r-regolarità tal-kompetizzjonijiet tal-futbol bejn il-klabbs, biż-żamma ta' ċertu livell ta' stabbiltà fil-persunal tal-klabbs tal-futbol professjonali, **f'dan il-każ ir-regoli inkwistjoni jidhru madankollu, bla ħsara għal verifiki mill-cour d'appel de Mons (il-Qorti tal-Appell ta' Mons), li jmorru lil hinn, fuq diversi aspetti, minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħaq dan l-għan.**

Fir-rigward, min-naħa l-oħra, tad-**dritt tal-kompetizzjoni**, il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li **r-regoli kkontestati għandhom l-għan li jirrestrinġu, jew saħansitra jipprekludu, il-kompetizzjoni** transkonfinali li jistgħu jwettqu l-klabbs tal-futbol professjonali kollha stabbiliti fl-Unjoni, billi jirreklutaw unilateralment plejers b'kuntratt ma' klabb ieħor jew plejers li fir-rigward tagħhom ikun allegat li l-kuntratt ta' xogħol ikun ġie tterminat mingħajr raġuni valida.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-possibbiltà li jikkompetu fir-rigward tar-reklutaġġ ta' plejers diġà m'harrġa għandha rwol essenzjali fis-settur tal-futbol professjonali u li regoli li jirrestrinġu b'mod ġenerali din il-forma ta' kompetizzjoni, billi jiffissaw it-tqassim tal-ħaddiema bejn il-persuni li jimpjegaw kif ukoll billi jaqsmu s-swieq, huma simili għal ftehim sabiex il-klabbs ma jieħdux plejers mingħand xulxin. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li, bla ħsara għal verifika mill-cour d'appel de Mons (il-Qorti tal-Appell ta' Mons), dawn ir-regoli **ma jidhrux li huma indispensabbli jew neċessarji**.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, jekk ikun il-każ, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!

